II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Ġunju 2011

dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/103/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(5) u 218(6)(a)(v), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) L-iżvilupp tal-interoperabbiltà ferrovjarja, kemm fi ħdan l-Unjoni kif ukoll bejn l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien, huwa komponent ewlieni tal-politika komuni tat-trasport, immirata b'mod partikolari sabiex jiġi stabbilit bilanċ aħjar bejn il-modi varji ta' trasport.

(2) L-Unjoni għandha kompetenza esklussiva jew kompetenza kondiviża mal-Istati Membri tagħha fl-oqsma koperti bil-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni").

(3) L-adeżjoni tal-Unjoni mal-Konvenzjoni għall-fini li teżerċita l-kompetenza tagħha hija permessa bis-saħħa tal-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni.

(4) F'isem l-Unjoni, il-Kummissjoni nnegozjat Ftehim (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") u l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (minn hawn 'il quddiem "OTIF") dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni mal-Konvenzjoni.

(5) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") huwa b'dan jiġi approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Mal-iffirmar tal-Ftehim, kif stipulat fl-Anness I ma' din id-Deċiżjoni, għandha issir dikjarazzjoni mill-Unjoni li tirrigwarda l-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħha, u għandha ssir dikjarazzjoni, kif stipulat fl-Anness III ma' din id-Deċiżjoni, mill-Unjoni fir-rigward tal-Artikolu 2 tal-Ftehim.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar lill-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex l-Unjoni tintrabat bih u biex jagħmlu d-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2.

Artikolu 4

Il-Kummissjoni ser tirrappreżenta lill-Unjoni fil-laqgħat tal-OTIF.

Artikolu 5

L-arranġamenti interni għat-tħejjijiet għal-laqgħat tal-OTIF, u għar-rappreżentanza u l-votazzjoni f'dawn il-laqgħat huma stipulati fl-Anness III ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-16 ta' Ġunju 2011.

Għall-Kunsill
Il-President
VÖLNER P.

ANNESS I

DIKJARAZZJONI MILL-UNJONI EWROPEA LI TIRRIGWARDA L-EŻERĊIZZJU TA' KOMPETENZA

Fis-settur tal-ferroviji, l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "l-Unjoni") taqsam il-kompetenza mal-Istati Membri tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem "l-Istati Membri") skont l-Artikoli 90 u 91, flimkien mal-Artikolu 100(1) u l-Artikoli 171 u 172 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

It-Titolu VI tat-TFUE jistabbilixxi l-politika komuni tat-trasport tal-Unjoni, u t-Titolu XVI jipprevedi l-kontribut tal-Unjoni għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' netwerks trans-Ewropej fl-oqsma tat-trasport.

B'mod aktar speċifiku, l-Artikolu 91 tat-Titolu VI tat-TFUE jipprovdi li l-Unjoni tista' tadotta:

— regoli komuni li japplikaw għat-trasport internazzjonali lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru jew li jaqsam it-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar;

— kondizzjonijiet li jirregolaw il-mod li bih it-trasportaturi li mhux residenti jistgħu joperaw servizzi ta' trasport f'xi Stat Membru;

— miżuri li jtejbu s-sikurezza tat-trasport;

— kwalunkwe dispożizzjoni oħra adatta.

Fir-rigward tan-netwerks trans-Ewropej, l-Artikolu 171 tat-Titolu XVI tat-TFUE jipprevedi, b'mod aktar speċifiku, li l-Unjoni:

— għandha tistabbilixxi serje ta' linji gwida dwar il-miri, il-prijoritajiet u l-linji ġenerali tal-miżuri previsti fl-isfera tan-netwerks trans-Ewropej; dawn il-linji gwida għandhom jidentifikaw proġetti ta' interess komuni;

— għandha timplimenta kull miżura li titqies meħtieġa sabiex tiżgura l-interoperabbiltà tan-netwerks, b'mod partikolari fil-qasam tal-istandardizzazzjoni teknika;

— tista' tappoġġa proġetti ta' interess komuni appoġġati mill-Istati Membri, li huma identifikati fil-qafas tal-linji gwida msemmija fl-ewwel inċiż, partikolarment permezz ta' studji ta' possibbiltà, garanziji għal self jew sussidji fuq ir-rati tal-interessi; l-Unjoni tista' wkoll tikkontribwixxi, permezz tal-Fond ta' Koeżjoni, għall-finanzjament ta' proġetti speċifiċi fi Stati Membri fil-qasam ta' infrastruttura tat-trasport.

Abbażi ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet l-Unjoni adottat għadd sostanzjali ta' strumenti legali applikabbli għat-trasport bil-ferrovija.

Taħt il-liġi tal-Unjoni, l-Unjoni kisbet kompetenza esklussiva fi kwistjonijiet tat-trasport bil-ferrovija fejn il-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999, (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni") jew l-istrumenti legali adottati taħtha jkunu jistgħu jaffettwaw jew ibiddlu l-ambitu ta' dawn ir-regoli eżistenti tal-Unjoni.

Fir-rigward ta' suġġetti regolati mill-Konvenzjoni li relattivament għalihom għandha kompetenza esklussiva l-Unjoni, l-Istati Membri ma għandhom l-ebda kompetenza.

Fejn ikunu jeżistu regoli tal-Unjoni iżda dawn ma jkunux affettwati mill-Konvenzjoni jew mill-istrumenti legali adottati taħtha, l-Unjoni taqsam il-kompetenza dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw il-Konvenzjoni mal-Istati Membri.

Fl-Appendiċi ma' dan l-Anness tinsab lista tal-istrumenti rilevanti tal-Unjoni fis-seħħ fiż-żmien tal-konklużjoni tal-Ftehim. L-ambitu tal-kompetenza tal-Unjoni li jirriżulta minn dawn it-testi għandu jiġi vvalutat b'relazzjoni mad-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' kull test, speċjalment safejn dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu r-regoli komuni. Il-kompetenza tal-Unjoni hija suġġetta għal żvilupp kontinwu. Fil-qafas tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea tat-TFUE, l-istituzzjonijiet kompetenti tal-Unjoni jistgħu jieħdu deċiżjonijiet li jiddeterminaw safejn twassal il-kompetenza tal-Unjoni. Għalhekk l-Unjoni tirriżerva d-dritt li temenda din id-dikjarazzjoni skont kif ikun il-każ, mingħajr ma dan jikkostitwixxi prerekwiżit għall-eżerċizzju tal-kompetenza tagħha fi kwistjonijiet koperti mill-Konvenzjoni.

Appendiċi mal-Anness I

STRUMENTI TAL-UNJONI EWROPEA RELATATI MA' SUĠĠETTI TTRATTATI MILL-KONVENZJONI

Sal-lum, l-Unjoni eżerċitat il-kompetenza *inter alia* permezz tal-istrumenti tal-Unjoni li ġejjin:

LEĠIŻLAZZJONI DWAR AĊĊESS EKONOMIKU/GĦAS-SUQ

— Ir-Regolament Nru 11 dwar it-tneħħija tad-diskriminazzjoni fir-rati u l-kondizzjonijiet tat-trasport, fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 79(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 52, 16.8.1960, p. 1121/60),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU L 237, 24.8.1991, p. 25),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 dwar il-liċenzjar ta' impriżi ferrovjarji (ĠU L 143, 27.6.1995, p. 70),

— Id-Direttiva 2001/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU L 75, 15.3.2001, p. 1),

— Id-Direttiva 2001/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE dwar il-liċenzjar ta' impriżi ferrovjarji (ĠU L 75, 15.3.2001, p. 26),

— Id-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji u ċertifikazzjoni tas-sigurtà (ĠU L 75, 15.3.2001, p. 29),

— Id-Direttiva 2004/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità, (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 164),

— Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14),

— Id-Direttiva 2007/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u d-Direttiva 2001/14/KE dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 44).

LEĠIŻLAZZJONI DWAR INTEROPERABBILTÀ U SIKUREZZA

— Id-Direttiva tal-Kunsill 96/48/KE tat-23 ta' Lulju 1996 fuq l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 6),

— Id-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 fuq l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea (ĠU L 110, 20.4.2001, p. 1),

— Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzji tal-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44, verżjoni korretta fil-ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16),

— Id-Direttiva 2004/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li temenda d-Direttiva 96/48/KE dwar l-interoperabbiltà tas-sistema trans-Ewropea dwar ferroviji ta' veloċità kbira u d-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabbiltà tas-sistema trans-Ewropea dwar ferroviji konvenzjonali (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 114, verżjoni korretta fil-ĠU L 220, 21.6.2004, p. 40),

— Ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (Ir-Regolament dwar l-Aġenzija) (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 1, verżjoni korretta fil-ĠU L 220, 21.6.2004, p. 3),

— Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51),

— Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1),

— Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikoluż (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13),

— Id-Direttiva 2008/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Direttiva 2004/49/KE dwar is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (Id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija) (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 62),

— Ir-Regolament (KE) Nru 1335/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 881/2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (Ir-Regolament dwar l-Aġenzija) (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 51),

— Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 22).

OBBLIGI TA' SERVIZZ PUBBLIKU

— Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1).

ANNESS II

DIKJARAZZJONI MILL-UNJONI EWROPEA FIR-RIGWARD TAL-ARTIKOLU 2 TAL-FTEHIM

Il-fraži "li tirregola s-suġġett partikolari kkonċernat" għandha tinftiehem bħala li tapplika għall-każ speċifiku li jkun regolat minn dispożizzjoni tal-Konvenzjoni, inklużi l-appendiċi tagħha, u mhijiex regolata mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

ANNESS III

ARRANĠAMENTI INTERNI GĦALL-KUNSILL, L-ISTATI MEMBRI U L-KUMMISSJONI FI PROĊEDIMENTI TAĦT L-OTIF

B'kont meħud tar-rekwiżit ta' unità fir-rappreżentanza internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea anki fl-istadju tal-implimentazzjoni ta' obbligi internazzjonali, il-Kunsill, l-Istati Membri u l-Kummissjoni ser japplikaw l-arranġamenti interni li ġejjin:

1. **Kamp ta' applikazzjoni**

Dawn l-arranġamenti interni ser japplikaw għal kwalunkwe laqgħa ta' kwalunkwe wieħed mill-korpi stabbiliti taħt l-OTIF. Kwalunkwe referenza għal "laqgħa" f'dawn l-arranġamenti tinftiehem li tinkludi *mutatis mutandis* referenza għal proċedimenti oħra wkoll, bħal proċedura bil-miktub.

2. **Proċedura ta' koordinazzjoni**

2.1. Għat-tħejjija għal kwalunkwe laqgħa tal-OTIF, inkluż iżda mhux limitat għal-laqgħat tal-Assemblea Ġenerali, il-Kumitat Amministrattiv u Kumitati oħra, ser isiru laqgħat ta' koordinazzjoni:

— fi Brussell, fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (normalment il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art), kmieni kemm jista' jkun, u kemm-il darba jkun hemm bżonn qabel il-laqgħa tal-OTIF, u, barra minn hekk,

— fuq il-post, partikolarment fil-bidu u, jekk meħtieġ, matul u fl-aħħar ta' laqgħa tal-OTIF.

2.2. Il-laqgħat ta' koordinazzjoni ser jaqblu dwar pożizzjonijiet f'isem l-Unjoni biss jew, fejn rilevanti, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Il-pożizzjonijiet tal-Istati Membri relatati mal-kompetenza esklussiva tagħhom jistgħu jkunu suġġetti għall-koordinazzjoni f'dawn il-laqgħat jekk ikun hemm qbil dwar dan mill-Istati Membri.

2.3. Il-laqgħat ta' kordinazzjoni ser jiddeċiedu dwar l-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet u votazzjoni ta' kull punt fl-aġenda tal-laqgħa tal-OTIF, li fuqha tista' ssir dikjarazzjoni jew jista' jkun mistenni vot.

2.4. Għat-tħejjija tal-laqgħat ta' koordinazzjoni msemmijin fil-punt 2.1, inkluż l-abbozz ta' dikjarazzjonijiet u d-dokumenti dwar il-pożizzjonijiet, ser isiru, jekk meħtieġ, diskussjonijiet preliminari fil-Kumitat adatt maħluq mil-leġiżlazzjoni ferrovjarja tal-Unjoni rilevanti, jiġifieri:

— il-Kumitat dwar it-trasport ta' oġġetti perikoluži għall-punti koperti mill-Appendiċi C mal-Konvenzjoni; jekk dawn l-elementi jaffettwaw lill-interoperabbiltà ferrovjarja, jew lill-approċċ ta' sigurtà komuni żviluppat skont id-Direttiva 2004/49/KE, il-Kumitat dwar l-interoperabbiltà ferrovjarja u s-sigurtà għandu jkun involut ukoll;

— il-Kumitat dwar l-iżvilupp tal-linji ferrovjarji tal-Unjoni għall-punti koperti bl-Appendiċi A, B, D jew E mal-Konvenzjoni u għal sistemi oħra ta' liġi uniformi elaborata mill-OTIF;

— il-Kumitat dwar l-interoperabbiltà u s-sigurtà tal-ferroviji għall-punti koperti mill-Appendiċi F jew G mal-Konvenzjoni.

2.5. Qabel kwalunkwe laqgħa tal-OTIF il-Kummissjoni ser tindika liema punti tal-aġenda huma suġġetti għal koordinazzjoni tal-Unjoni u ser tħejji abbozz ta' dikjarazzjonijiet u dokumenti dwar il-pożizzjonijiet biex jiġu diskussi fil-laqgħat ta' koordinazzjoni.

2.6. Jekk fil-laqgħat ta' koordinazzjoni l-Kummissjoni u l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jaqblu dwar pożizzjoni komuni, inkluż minħabba nuqqas ta' qbil dwar it-tqassim ta' kompetenzi, il-kwistjoni tiġi riferita lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u/jew lill-Kunsill.

3. **Dikjarazzjonijiet u votazzjoni fil-laqgħat tal-OTIF**

3.1. Meta punt fl-aġenda jittratta kwistjonijiet ta' kompetenza tal-Unjoni esklussiva, il-Kummissjoni għandha titkellem u tivvota għall-Unjoni. Wara li ssir il-kordinazzjoni meħtieġa, l-Istati Membri jistgħu wkoll jitkellmu sabiex jappoġġjaw u/jew jiżviluppaw il-pożizzjoni tal-Unjoni.

3.2. Meta punt fl-aġenda jittratta kwistjonijiet ta' kompetenza nazzjonali esklussiva, l-Istati Membri jitkellmu u jivvutaw.

3.3. Meta punt fl-aġenda jittratta kwistjonijiet li jkun fihom elementi ta' kompetenza kemm nazzjonali kif ukoll dik tal-Unjoni, il-Presidenza u l-Kummissjoni għandhom jesprimu l-pożizzjoni komuni. Wara li tkun saret il-kordinazzjoni meħtieġa, l-Istati Membri jistgħu jitkellmu sabiex jappoġġjaw u/jew jiżviluppaw il-poizzjoni komuni. L-Istati Membri jew il-Kummissjoni, kif adatt, għandhom jivvutaw f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha skont il-pożizzjoni komuni. Id-deċiżjoni dwar min ikun ser jivvota tittieħed fid-dawl tal-prevalenza tal-kompetenza (eż. jekk hijiex prinċipalment kompetenza nazzjonali jew tal-Unjoni).

3.4. Meta punt fl-aġenda jittratta kwistjonijiet li jkun fihom elementi ta' kompetenza kemm nazzjonali kif ukoll tal-Unjoni u l-Kummissjoni u l-Istati Membri ma jkunx irnexxilhom jaqblu dwar pożizzjoni komuni kif msemmija fil-punt 2.6, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jitkellmu u jivvutaw dwar kwistjonijiet li jaqgħu b'mod ċar taħt il-kompetenza rispettiva tagħhom.

3.5. F'każ ta' kwistjonijiet li għalihom m'hemmx qbil bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar il-qsim tal-kompetenzi, jew fejn ma kienx possibbli li tinkiseb il-maġġoranza meħtieġa għal pożizzjoni tal-Unjoni, għandu jsir sforz massimu sabiex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni jew tinkiseb pożizzjoni tal-Unjoni. Sakemm iseħħ dan, u wara li tkun saret il-koordinazzjoni meħtieġa, l-Istati Membri u/jew il-Kummissjoni, kif adatt, ikunu intitolati li jitkellmu bil-kondizzjoni li l-pożizzjoni li jesprimu ma tippreġudikax pożizzjoni futura tal-Unjoni, tkun koerenti mal-linji ta' politika tal-Unjoni u pożizzjonijiet preċedenti tal-Unjoni, u konformi mal-liġi tal-Unjoni.

3.6. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni jistgħu jipparteċipaw fil-gruppi ta' ħidma tal-OTIF li jħejju l-kumitati tekniċi tal-OTIF, jiġifieri l-Kumitat ta' Esperti dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikoluż (RID) u l-Kumitat ta' Esperti Tekniċi (TEC). Matul il-parteċipazzjoni f'dawn il-gruppi ta' ħidma r-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni jistgħu jippreżentaw kontributi tekniċi u jipparteċipaw bis-sħiħ fid-diskussjonijiet tekniċi abbażi tal-konoxxenza teknika tagħhom. Dawn id-diskussjonijiet mhux ser jorbtu lill-Unjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni ser jagħmlu sforzi serji biex jilħqu pożizzjoni komuni u biex jiddefenduha matul id-diskussjonijiet fil-gruppi ta' ħidma tal-OTIF.

4. **Reviżjoni ta' dawn l-arranġamenti**

Fuq it-talba ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni, dawn l-arranġamenti għandhom jiġu riveduti, b'kont meħud tal-esperjenza miksuba mit-tħaddim tagħhom.